MALTA

# QORTI CIVILI

## PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF

### JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Mandat Numru. 1604/2001/1

**Anthony u Anġolina sive Julie CASSAR**

vs

**Emanuel BARUN kif ukoll martu Maria Lourdes Barun**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-25 ta' Mejju, 2001, u l-erba' (4) dokumenti mehmużin miegħu;

Rat d-Degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-istess jum, li bih laqgħet provviżorjament it-talba tar-rikorrenti[1];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati miżżewġin Barun fid-29 ta' Mejju, 2001, flimkien mat-tliet (3) dokumenti mehmużin magħha[2];

Rat id-Degriet tal-1 ta' Ġunju, 2001, li bih inħatar bħala Perit Tekniku l-Arkitett u Inġinier Ċivili Albert Fenech biex jirrelata;

Rat ir-Rapport imressaq mill-imsemmi Perit Tekniku fit-2 ta' Lulju, 2001[3], u minnu maħluf waqt is-smigħ tal-10 ta' Ottubru, 2001;

Rat il-verbali tas-smigħ tal-14 ta' Novembru, 2001, u tat-12 ta' Diċembru, 2001, fejn il-Qorti ġiet mgħarrfa li l-partijiet kienu qegħdin jipprovaw jaslu f'arranġament bejniethom barra l-Qorti;

Rat il-verbali tas-smigħ tas-16 ta' Jannar, 2002, tal-14 ta' Marzu, 2002, tat-3 ta' Ġunju, 2002, u tal-21 ta' Ottubru, 2003;

---

[1] Paġ. 12 tal-proċess
[2] Pag. 4 tal-proċess
[3] Paġġ. 39 sa 51 tal-proċess

Rat in-Nota mressqa mill-Perit Tekniku fit-8 t'Ottubru, 2003[4], bit-tweġibiet tiegħu għall-mistoqsijiet magħmulin lilu in eskussjoni mir-rikorrenti;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-intimati, li ddikjaraw ukoll li kienu joqgħodu għall-konklużjonijiet milħuqa mill-Perit Tekniku fir-Rapport tiegħu u wkoll fuq it-tweġibiet mogħtijin minnu għall-mistoqsijiet tar-rikorrenti;

Rat id-Degriet tagħha tal-14 ta' Jannar, 2004, li bih ħalliet ir-Rikors għal-lum għall-provvediment;

Rat id-Degrieti tagħha tat-2 ta' Frar, 2004, u tas-26 ta' Frar, 2004, li bihom tat lill-intimat żmien biex iressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub;

Rat li, sallum, l-intimat naqas li jressaq xi sottomissjonijiet;

## *Qieset:*

Illi l-qofol tal-preżenti proċedura jirrigwarda kwestjoni dwar proprjeta' ta' arja tal-bejt tal-fond "Acras Container", mixtri mill-intimati fl-2000, li biċċa minnha nkisbet mir-rikorrenti meta kisbu l-fond "Julton" fl-1980. Minħabba li nqala' nuqqas ta' qbil dwar il-kejl tar-rispettivi partijiet tal-arja tal-fond "Acras Container", ir-rikorrenti qegħdin jitolbu li l-Qorti twaqqaf lill-intimati milli jittrasferixxu l-post miksub minnhom sakemm il-kwestjoni dwar il-kejl tal-arja rispettiva tinħall jew tiġi determinata;

[4] Paġġ. 73 sa 83 tal-proċess

Illi għall-finijiet ta’ din il-proċedura, huwa biżżejjed li jintwera li biex talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tista’ tintlaqa’ l-artikolu 873(2) jsemmi l-bżonn li jintwera mhux biss li tali Mandat ikun meħtieġ (u mhux sempliċement utli) sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, imma wkoll li dawk il-jeddijiet jidhru mad-daqqa t’għajn. Kif ingħad, “jew il-jeddijiet jidhru mal-ewwel daqqa t’għajn jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħrug tal-Mandat”[5];

Illi l-Perit Tekniku, wara li qies il-kuntratti relattivi u ħa kejl fuq il-post, wasal għall-fehma li l-pretensjoni tar-rikorrenti dwar safejn testendi l-proprjeta’ tagħhom tal-arja tal-bejt tal-fond “Acras Container” m’hijiex mistħoqqa taħt l-ebda waħda mill-ipoteżi possibbli ta’ tifsir li jista’ jingħata dwar is-sebgħa u sittin metru kwadru (67m2) tal-arja tal-bejt imsemmijin fil-kuntratti relattivi. Din il-fehma baqa’ jtenniha fit-tweġibiet li huwa ta għall-mistoqsijiet li sarulu mir-rikorrenti. Għall-finijiet tal-proċedura preżenti, dan ifisser li, bħala fatt, lanqas jista’ jingħad li r-rikorrenti seħħilhom juru *prima facie* l-eżistenza tal-pretensjoni tagħhom. Dan, kif ingħad, huwa grad ta’ prova li huwa meħtieġ biex talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tista’ titqies mistħoqqa: in-nuqqas ta’ dak il-grad ta’ prova jfisser in–nuqqas ta’ wieħed mill-elementi kostitutivi meħtieġa għall-Mandat;

Illi r-rikorrenti jgħidu li jekk kemm-il darba l-intimati jitħallew ibiegħu l-post mixtri minnhom qabel ma tkun inħallet il-kwestjoni dwar il-“konfini” tal-arja tal-post mixtri mill-intimati, l-problemi tal-istess rikorrenti “jiġu kumplikati”. Dan jirrifletti sewwasew fuq l-aspett tal- irrimedjabilita’ bħala ingredjent ewlieni biex tintlaqa’ talba għall-ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni. Biex talba għal ħruġ ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni tirriżulta mistħoqqa, m’huwiex biżżejjed li l-parti rikorrenti ssemmi li l-għamil kontestat jakkawżalha skumdita’ jew inkonvenjent fil-mira tagħha biex tħares il-pretensjonijiet

[5] App. Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre’*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

tagħha, imma trid turi li n-nuqqas ta' twaqqif tal-imsemmi għamil jkun ta' ħsara bis-sħiħ jew iġib fix-xejn il-jedd pretiż[6];

Illi fil-fehma meqjusa tal-Qorti, il-jeddijiet tar-rikorrenti fil-każ preżenti ma jiġu bl-ebda mod mittiefsa jekk kemm-il darba t-talba tagħhom biex l-intimati ma jgħaddux għat-trasferiment tal-post miksub minnhom ma tintlaqax. Dan għaliex il-jedd pretiż tagħhom huwa wieħed ta' għamla rejali, li jimxi mal-ġid immobbli, ikun f'idejn min ikun;

Illi, għalhekk, lanqas minn dan l-aspett ma jista' jingħad li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata;

Għalhekk, il-Qorti ssib li ma jikkonkorrux f'dan il-każ l-elementi li trid il-liġi għall-ħrug tal-Mandat mitlub mir-rikorrenti, u għalhekk qegħda **tiċħad it-talba** tagħhom, u tħassar *contrario imperio* d-degriet tal-25 ta' Mejju, 2001, inkwantu t-talba tar-rikorrenti ntlaqgħet provviżorjament.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[6] Ara, per eżempju, Kumm. **22.9.1994** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Angelo Xuereb vs Marin Hili*** (Rik. 3135/94NA)